**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 1891/2021/1 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 1891/2021 AF fl-ismijiet:

**Debitum Collectio Limited (C-99394)**

**vs**

**Mr Green Limited (C-43260)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Mr Green Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet sabiex:

1. Tordna provizorjament illi jigu limitati l-effetti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv nru 1891/2021 ISB bil-konsegwenza li ma jsir ebda zbank ta' cedoli u flejjes mis-sekwestranti sakemm jigi deciz r-rikors odjern, u dan b'notifika u/jew komunika lir-Registratur tal-Qrati Civili.

2. Tordna illi l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv nru 1891/2021 ISB fl-ismijiet *Debitum Collectio Limited v Mr Green Limited* jigi limitat ghall-mizuri kawtelatorji ai termini tal-Artikolu 44(1)(a) tar-Regolament Brussels I Recast (UE) Nru 1215/2012 u/jew alternattivament tissospendi l-ezekuzzjoni tal-istess mandat ta' sekwestru *in parte*, inkluz izda mhux limitat, billi twaqqaf kwalunkwe zbank jew tigbid minn naha ta' Debitum Collectio Limited ta' kwalunkwe flejjes depozitati mis-sekwestratarji ai termini tal-Artikolu 44(1)(c) tar-Regolament Brussels I Recast (UE) Nru 1215/2012, u dan sakemm tinqata' b'mod definittiv il-kawza numru 1180/2021 NC miftuha bejn l-istess partijiet.

Bl-ispejjez kontra s-sekwestranti.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat ir-risposta ta' Debitum Collectio Limited.

Rat id-dokumenti maghha annessi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti pronunzjat fid-9 ta' Frar 2022 li permezz tieghu thassar ghal kollox il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv 1891/2021.

Fic-cirkostanzi, tqis li l-mertu huwa b'hekk ezawrit.

Ghaldaqstant, tichad kull talba kontenuta f'dan il-rikors.

L-ispejjez jithallsu minn Debitum Collectio Limited.

IMHALLEF